MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 80/2004

**Avviz numru 80/04DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Anthony Balzan (ID 764255 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija, tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm3,188.66) rappresentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal hames mija, tlettax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm513.16) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21370741 u in kwantu ghal elfejn, sitt mija, hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,675.50) fuq servizz telefoniku 21331693 (skond kif jirrizulta minn Dok

‘A’ u Dok ‘C’) liema servizzi gew installati wiehed 18, Spinola Court, St. Julians u l-iehor ‘Myro’, Triq Andrea Debono, Naxxar, respettivament u dana kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mall-avviz Dok ‘B’ u Dok ‘D’.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm3,188.66) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mil-5 ta’ Frar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------